StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Ro

**IT-TIENI SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

**L-Isem:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

L-ISKEMA TAL-MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 8 | 22 | 4 | 7 | 7 | 12 | 20 | 20 | 100 |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________
_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# Kemm Hu Sabiħ li Taħseb fl-Oħrajn



Madre Teresa tirrakkonta li darba fid-dar tagħhom ta' Kalkutta daħlu ġuvni u tfajla. Huma taw lis-sorijiet somma sabiħa ta' flus biex dawk l-eluf li kuljum jersqu lejn Bieb il-Karità, isibu xi ħaġa biex jitrejqu. (*par. 1*)

Is-sorijiet xtaqu jkunu jafu minn fejn ġabu dawk il-flus kollha. Iż-żgħażagħ li kienu ġejjin minn familji sinjuri wieġbu li, minflok tieġ kbir b'ħafna ikel u lbies sinjur, xtaqu jfaddlu l-ispejjeż kollha. (*par. 2*)

Festa ta' tieġ hija xi ħaġa unika. Iżda dawn l-għarajjes għarfu jieqfu ftit mill-ġenn li ġġib magħha okkażjoni bħal dik, u meta flew madwarhom u raw tant ħluq bil-ġuħ jistennew loqma, ħassewhom jonqsu li huma jintilfu f'tant ikel u lbies fin meta fil-fatt setgħu jgħaddu mingħajrhom. (*par. 3*)

Wara li taw din is-somma stqarrew li ħassewhom hienja li bis-sagrifiċċju tagħhom kienu ftakru f'dawk li huma inqas ixxurtjati minnhom. U lil Madre Teresa tant impressjonawha li riedet li l-istorja tagħhom tixxandar mhux biex l-għarajjes ma jagħmlux festa u ma jħitux ilbiesi li jiswew ħafna, imma biex tnissel fihom xewqa li fejn u meta jistgħu jiftakru f'dawk tabilħaqq fil-bżonn. (*par. 4*)

(Addattament minn artiklu minn *Il-Paċi Magħkom* – Marzu 2011)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Fejn marru ż-żewġ żgħażagħ biex jagħtu somma flus?

_______________________________________________ (1)

2. Għalfejn ħadu l-flus?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. X'ma għamlux iż-żgħażagħ biex faddlu somma flus?

________________________________________

________________________________________ (1)

4. X'ġiegħel lil dawn iż-żgħażagħ iġemmgħu l-flus minflok jonfquhom fl-okkażjoni tat-tieġ? (*par. 3*)

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (2)

5. Għaliex iż-żgħażagħ ħassewhom hienja meta taw il-flus bħala karità?

________________________________________

________________________________________ (1)

6. Għaliex Madre Teresa xtaqet ixxandar l-istorja ta' dawn iż-żgħażagħ?

________________________________________

________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

7. *... fid- dar tagħhom ta' Kalkutta...* (*par. 1*) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fil-kelma *tagħhom*? ______________________________ (1)

8. *Dawn l-għarajjes… ħassewhom jonqsu li huma jintilfu f'tant ikel u lbies fin meta fil-fatt setgħu jgħaddu* ***mingħajrhom.*** (*par. 3*)

   Il-kelma ***mingħajrhom*** tirreferi għal ______________________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

9. Mis-silta sib il-kelma/frażi li tfisser:

   jieklu (*par. 1*) - ____________________ iġemmgħu (*par. 2*) - ____________________ (2)

10. Agħti t-tifsira tal-kliem użat fis-silta:

    unika (*par. 3*) - ____________________ tixxandar (*par. 4*) - ____________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## (iii) SINTASSI/SENTENZA

11. *Festa ta' tieġ hi xi ħaġa unika.* ***Iżda*** *dawn l-għarajjes għarfu jieqfu ftit mill-ġenn li ġġib magħha okkażjoni bħal dik.* (*par. 3*)

    Ikteb kelma/kelmiet oħra li tagħmel/jagħmlu sens minflok il-kelma **iżda**: ____________ (1)

12. Erġa' ikteb is-sentenza billi tkompliha.

    *Wara li taw din is-somma stqarrew li ħassewhom hienja li bis-sagrifiċċju tagħhom kienu ftakru f'dawk li huma inqas ixxurtjati minnhom.* (*par. 4*)

    Huma stqarrew li ħassewhom hienja wara li taw ________________________________

    ____________________________________________________________________________ (2)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

Wieġeb skont kif mitlub minnek. (13-il marka)

| | | |
|---|---|---|
| 13. | Aqleb fil-plural: ħaġa unika | |
| 14. | Aqleb fis-singular maskil: żgħażagħ | |
| 15. | Mis-silta sib mill-ewwel paragrafu: stat kostrutt | |
| 16. | Biddel in-numru f'ittri:<br>Is-sorijiet ħadu ħsieb 8 itfal. | |
| 17. | Bis-sagrifiċċju tagħhom kienu ftakru f'dawk li huma inqas ixxurtjati.<br>Mis-sentenza ikteb: a) suffiss pronominali<br>b) pronom personali | a)______________________<br>b)______________________ |
| 18. | a) Agħti l-għerq ta': jieqfu<br>b) Agħti l-mamma ta': jistgħu | a)______________________<br>b)______________________ |
| 19. | Oħroġ partiċipju passiv mill-kelma fil-parentesi:<br>It-tfal kienu (kura) mis-sorijiet ta' Madre Teresa. | |
| 20. | Min-nom fil-parentesi oħroġ verb biex tkompli s-sentenza.<br>Ma stajtx (printer) għaliex spiċċawli l-karti. | |
| 21. | Ikteb il-verb kompost li ssib fis-sentenza.<br>Kienu ftakru f'dawk inqas ixxurtjati minnhom. | |
| 22. | Min-nom fil-parentesi oħroġ aġġettiv fil-plural.<br>kotba (bżonn) | |
| 23. | Biddel l-aġġettiv fis-superlattiv.<br>żagħżugħa twila | ______________ żagħżugħa |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4

**Qwiel u Idjomi**

1. Ikteb il-qawl li jaqbel mat-tifsira: iż-żmien jgħaġġel ħafna - ___________________________
2. Fisser il-qawl: Min jiġri wisq jaqta' nifsu.

   ______________________________________________________________
3. Din l-idjoma tgħodd għal kulħadd għaliex ħadd ma jista' jaħrab il-ġustizzja ta' Alla.

   ______________________________________________________________
4. Għal persuna li għandha kliemha kollu ħlewwa ngħidu li għandha:

   ______________________________________________________________

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (7 marki)

Inti stedint żewġt iħbieb għandek iżda dawn ma jafux fejn hija d-dar tiegħek. F'paragrafu ta' madwar sittin kelma agħtihom id-direzzjonijiet biex jaslu għandek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA** (7 marki)

F'madwar sittin kelma ikteb dwar **wieħed/waħda** mill-personalitajiet li għamel/għamlet isem f'xi qasam tal-kultura Maltija.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 2 (12-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A.**

**It-Tokki tal-Paternoster**

ta' Achille Mizzi

Fejn hu l-Paternoster
nann…?
u l-kafè fl-istanjata
jgħanni
is-sħana tal-friex
irdussat?

**Wied Qirda**

ta' Dun Karm

Meta ninżel hawnhekk filwaqt li ħamra
ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija,
u nara d-djar u 'l fuq mid-djar xi tamra
isewdu fuq il-ward ta' dik id-dija;

1. Il-poeżija *It-Tokki tal-Paternoster* hija ta' stil __________________ waqt li *Wied Qirda* hija sunett __________________. (2)
2. F' *It-Tokki tal-Paternoster* il-versi huma __________________ u f' *Wied Qirda* l-versi jissejħu __________________. (2)
3. Agħżel poeżija **WAĦDA** minn dawn it-tnejn u f'madwar għoxrin kelma ikteb dwar dak li ried iwasslilna l-poeta. (4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Aktar Nadriet Poetiċi**

| |
|---|
| *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* ta’ Rena Balzan, *Fil-Menqa* ta’ Ġorġ Peresso, *Sjesta Maltija* ta’ *Ġunju* ta’ Dun Karm, *Marsaxlokk* ta’ Charles Flores |

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u f’madwar għoxrin kelma ikteb il-ħsieb tagħha. (4 marki)

## **F.** (ii) **LETTERATURA - PROŻA** (20 marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A**. **Nies Bla Sabar** ta’ Temi Zammit (8 marki)

| |
|---|
| Nies bla Sabar, Ferħa bla Temma |

Irrakkonta l-ġrajja ta’ **WAĦDA** mill-imsemmijin novelli f’madwar sebgħin kelma.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta** ta’ Trevor Żahra

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar mitt kelma.

1. Ikteb dwar dak kollu li għadda minnu Toninu meta daħal għall-ewwel darba wara l-fuklar u sab ruħu fi kmajra ċkejkna.

**JEW**

2. Irrakkonta dwar il-mawra ta’ Toninu meta mar iqatta’ jumejn man-nannu Tittu u n-nanna Wistina fiż-Żejtun.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 200 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Esperjenza sabiħa li kellek matul is-sena skolastika li se tispiċċa dalwaqt.
2. Ħriġna bid-dgħajsa fi bnazzi liema bħalu u dħalna lura fil-maltemp.
3. Imberkin il-vaganzi!
4. Inħobb ngħin lil min hu fil-bżonn.
5. L-eżerċizzju fiżiku huwa importanti ħafna għal saħħti.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers